

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

DEĊIŻJONI TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

tal-11 ta' Frar 2020

dwar il-jiem ta' vaganza legali u l-vaganzi ġudizzjarji

(2020/C 95/02)

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

wara li rat l-Artikolu 24(2), (4) u (6) tar-Regoli tal-Proċedura,

billi tikkunsidra li, skont din id-dispożizzjoni, hemm lok li tiġi stabbilita l-lista tal-jiem ta' vaganza legali u li jiġu stabbiliti d-dati tal-vaganzi ġudizzjarji,

TADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-lista tal-jiem ta' vaganza legali fis-sens tal-Artikolu 24(4) u (6) tar-Regoli tal-Proċedura hija stabbilita kif ġej:

- l-1 ta' Jannar
- it-Tnejn ta' wara l-Għid,
- l-1 ta' Mejju,
- id-9 ta' Mejju,
- l-Axxensjoni,
- it-Tnejn ta' wara l-Pentekoste,
- it-23 ta' Ġunju,
- il-15 ta' Awwissu,
- l-1 ta' Novembru,
- il-25 ta' Diċembru,
- is-26 ta' Diċembru.

Artikolu 2

Għall-perijodu bejn l-1 ta' Novembru 2020 u l-31 ta' Ottubru 2021, id-dati tal-vaganzi ġudizzjarji fis-sens tal-Artikolu 24 (2) u (6) tar-Regoli tal-Proċedura huma stabbiliti kif ġej:

- Milied 2020: mit-Tnejn 21 ta' Diċembru 2020 sal-Ħadd 10 ta' Jannar 2021, biż-żewġ ġranet inklużi

- Għid 2021: mit-Tnejn 29 ta' Marzu 2021 sal-Ħadd 11 ta' April 2021, biż-żewġ ġranet inklużi
- Sajf 2021: mill-Ġimgħa 16 ta' Lulju 2021 sat-Tlieta 31 ta' Awwissu 2021, biż-żewġ ġranet inklużi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-11 ta' Frar 2020.

Ir-Reġistratur

A. CALOT ESCOBAR

Il-President

K. LENAERTS
